# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 424 / 08RGM

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sittax (16) ta' Dicembru, tas-sena elfejn (2000) fil-Kappella ta' San Mattew, Qrendi;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tliet (3) ulied, Jade li twieldet fl-10 ta' Mejju 2002, Miguel li twieled fid-9 ta' Jannar 2004 u Andre` li twieled fis-16 ta' Jannar 2005, ilkoll ahwa B u dunque ghadhom minorenni;

3. Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, vjolenza psikologika da parti tal-intimat zewgha fil-konfront ta' martu r-rikorrenti b'rizultat li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment, inkluz u b'mod partikolari, minhabba l-fatt li zewgha jbati minn ghira patologika, irid isir kif jghid kollox huwa, ma jafdahiex, ikun irid jaf fejn tkun, kemm damet, ossessjonat bil-kbir dwar kif ir-rikorrenti martu tqatta' l-hin taghha matul il-jum, u dan ghaliex skont kif

kien spjegalha hu stess, meta kien ghadu tifel ommu kienet tibghatu wara missieru biex ommu tkun taf fejn kien ikun missieru u ma' min;

4. Illi di piu`, jirrizulta li zewgha jbati minn kundizzjoni psikika jew ahjar *personality disorder* tant li ghalkemm huwa suppost isegwi certu kura medika, minn jeddu waqqafha bil-konsegwenza li r-relazzjoni taghhom spiccat marret ferm ghall-aghar;

5. Illi r-rikorrenti taf li zewgha kellu u ghad ghandu relazzjoni adultera flagranti ma' mara ohra li jisimha Michelle b'zewgt itfal, u zewgha l-intimat qieghed isegwi l-hajja adultera tieghu anki sahansitra skandolosament quddiem uliedhom minuri;

6. Illi kull tentattiv li sar mir-rikorrenti ghal separazzjoni konsenswali falla minhabba l-intransigenza tal-intimat zewgha li jrid ikissirha akkost ta' kollox;

7. Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti personalment;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B għar-raġunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat;

(2) Tordna li l-kura u l-kustodja tat-teltt uliedhom, u ċioe' Jade, Miguel u Andre' li għandhom sitt snin, erba' snin u tlett snin rispettivament, ilkoll aħwa B, għandha tkun fdata f'idejn ir-rikorrenti ommhom, bid-dritt ta' access għalihom mill-intimat missierhom;

(3) Tillikwida, tiffissa u tordna lill-intimat iħallas manteniment xieraq u adegwat skond l-introjtu finanzjarju tiegħu għat-tlett uliedhom minuri, pagabbli lir-rikorrenti;

(4) Tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt ta' manteniment mingħand ir-rikorrenti;

(5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

(6) Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti li għandha tinqasam f'żewġ partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li jekk ikun il-każ, l-intimat jitlef kull jedd li għandu għal nofs l-akkwisti illi qabel u waqt iż-żwieġ kienu saru wkoll bi ħlas u ħidma tar-rikorrenti;

(7). Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

(8). Tagħti kull provvediment ieħor skont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jaqbel li tigi pronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet lilu imputabbli u l-esponent qed jipprezenta kontro-talba ghat-talbiet ta' martu skond il-Ligi filwaqt li jirriserva kull jedd tieghu li jitlob li tinsab hatja ta' ingurji gravi skod il-Ligi stante l-allegazzjonijiet odjerni maghmulin kontrih.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-generalita' tal-ewwel eccezzjoni, hu jichad l-allegazzjoni ta' adulterju maghmula fil-konfront tieghu kif ukoll jichad l-allegazzjonijiet ta' martu li hu responsabbli ghall-firda. Dawn l-akkuzi anzi jikkostitwixxu ingurji gravi kontrih u b'hekk huma sanzjonabbli bil-Ligi kontra l-istess martu.

3. Illi l-esponent ma jaqbilx mat-tieni (2) talba attrici stante li mhux fl-ahjar interess tal-wild minuri li jigu fdati fil-kura u kustodja tar-rikorrenti u pendente lite hu gie fdat bil-kura tat-tlett itfal b'Digriet ta' il-Qorti tas-6 ta Jannar 2009 (DOK AS1) u dan kif jirrisulta wkoll waqt it-trattazzjoni.

4. Illi ma jaqbilx mat-tielet (3) talba attrici stante li hija r-rikorrenti li ghandha tigi ikundannata thallsu manteniment xieraq ghall wild minuri.

5. Illi r-raba' (4) talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez stante li hu m'ghandux ibaghti s-sanzjoni tad-dekadenza kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni.

6. Illi hemm qbil dwar il-hames (5) talba attrici purche' li tigi stabbilita data li minn dik id-data il-quddiem l-attrici titqies li tkun iddekadiet minn kull jedd li ghandha jew jista' jkollha ghall-akkwisti maghmula mill-esponent skont il-Ligi u purche' ukoll li jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-

fini tal-likwidazzjoni u divizjoni il-krediti parafernali tal-esponenti u salv it-talbiet tieghu fir-rigward tad-dar matrimonjali.

7. Illi l-esponenti jopponi t-talba li jitlef xi jedd mill akkwisti li setghu saru mir-rikorrenti stante li m'ghandux ibaghti din is-sanzjoni.

8. Illi is-seba' (7) talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez peress li l-esponent ma kkomminax f'ebda dekadenza u l-artikoli citati m'ghandhomx jigu applikati kontrih.

9. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attrici ingunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) u miz-zwieg taghhom kellhom tliet (3) itfal u cioe` Jade, Miguel u Andre` ahwa B.

2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attrici kontra l-esponent u/jew minhabba li tkissret irrimedjabilment;

3. Illi li l-esponent jipprevali ruhu mill-jedd li jipprocedi f'din l-istanza wara l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Qorti kompetenti fl-ismijiet inversi;

4. Illi l-partijiet huma separati *de facto* wara li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali definittivament fis-7 ta' Mejju 2008 u minn dak iz-zmien hlief ghal perjodu qasir, it-tfal kienu fil-kura tieghu;

5. Illi b'digriet ta' il-Qorti tas-6 ta' Jannar 2009, l-esponent gie fdat bil-kura tat-tliet itfal ahwa B u hu fl-ahjar interess tal-minuri li jibqghu fdati fil-kura u fil-kustodja tieghu;

6. Illi martu mhiex qed thallas ebda manteniment ghat-tfal minkejja li ghandha dhul u hi kapaci ghax-xoghol.

7. Illi r-rikonciljazzjoni mhiex possibli u ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Ghaldaqstant tghid l-attrici ghaliex m'ghandhiex:

1) tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata ta' adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-esponent kif fuq premess, u/jew minhabba li iz zwieg tkisser irrevokabilment;

2) Taffida l-minuri Jade, Miguel u Andre' ahwa B fil-kura u kustodja tal-esponent b'dawk il-provvedimenti kollha opportuni dwar access favur ir-rikorrenti stabbiliti skond l-ahjar interess tal-minuri;

3) Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri u tordna lill-attrici sabiex thallas dik ir-retta hekk stabbilita ghall-wild minuri skond il-Ligi jew altrimenti tapporzjona il-manteniment ghall-minuri bejn iz-zewg kontendneti skond il-Ligi.

4) Tillikwida l-infieq tal-esponent ghat-trobbija u bzonnijiet tal-wild minuri mid-data li fiha martu telqet mid-dar matrimonjali u tikkundanna lill-istess martu sabiex thallsu mhux inqas minn nofs l-ammont hekk likwidat.

5) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lill-partijiet liema pporzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita' data bhala id-data meta l-attrici tigi ikkonsidrata li tkun hatja tal-firda b'tali mod li hi titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponent skond il-Ligi, u dan okkorrendi bl-opra ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircevi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontuamcja fuq l-istess att.

6) Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata interament jew in parti id-dispozizzjonijiet ta l-artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. Tal-Ligijiet ta' Malta).

7) Tordna lill-attrici sabiex thallas jew tikkonsenja lill-esponent skond il-kaz il-krediti u proprjeta' parafernali u personali tieghu.

8) Tawtorizza lill-esponenti jabita fid-dar matrimonjali cioe' il fond bl-isem Santa Rita, fi Triq Blat il-Qamar, Siggiewi ad eskluzjoni tal-attrici ai termini tal-artikolu 55A tal-Kodici Civili ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem il-Qorti waqt il-medjazzjoni, kontra l-attrici rikonvenzjonata ingunta minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

1. Illi l-eċċipjenti rikonvenzjonata taqbel mal-ewwel kontro-talba fis-sens illi għandha tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux għar-raġunijiet indikati minnu iżda għaliex prinċipalment żewġha rrenda ruħu ħati ta' sevizzi, eccessi, minacci inġurji gravi, vjolenza psikoloġika kif ukoll ta' adulterju da parti tiegħu fil-konfront ta' martu l-eċċipjenti rikonvenzjonata bir-rizultat li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, inkluz u b'mod partikolari, minħabba l-fatt li żewġha jbati minn ghira patoloġika u minn kundizzjoni psikika jew aħjar personality disorder tant li għalkemm huwa suppost isegwi certu kura medika, minn jeddu waqqafha bil-konsegwenza li r-relazzjoni tagħhom spiċċat marret ferm għall-agħar;

2. Illi din l-Onorbbli Qorti għandha tiċħad it-tieni kontro-talba sabiex huwa jiġi fdat bil-kura u kustodja tat-tlett uliedu minuri ahwa B stante li huwa fl-aħjar interess ta' l-ulied minuri illi l-kura u kustodja tagħhom tiġi fdata f'idejn il-kontendenti konġuntivament, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u f'każ illi tali kura u kustodja tiġi fdata f'idejn żewġha, l-eċċipjenti għandha tiġi mogħtija access ampju għal uliedha f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qotri, nkluża l-fakulta' li traqqad lill-uliedha fir-residenza tagħha;

3. Illi t-tielet u r-raba' kontro-talbiet għandhom jiġu wkoll miċħuda in kwantu jirrigwarda l-manteniment pagabbli mill-eċċipjenti rikonvenzjonata għat-tlett uliedhom minuri fis-sens li għandu jkun kull ġenitur li jipprovdi għall-ispejjeż kwotidjani tal-imsemmija ulied waqt il-ġranet li jkunu magħhom mentri fir-rigward tal-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa tal-ulied minuri l-kontendenti ghandhom jaqsmuhom nofs b'nofs bejniethom;

4. Illi l-eċċipjenti rikonvenzjonata taqbel mal-ħames kontro-talba fis-sens illi l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom għandha tiġi xolta, likwidata u maqsuma bejniethom u mhux neċessarjament fi kwoti ndaqs bejniethom, iżda mhux kif propost minn żewġha stante li l-eċċipjenti rikonvenzjonta tiċħad dak allegat fil-konfront tagħha anzi tinsisti li huwa żewġha li għandu jinstab ħati tal-firda tagħhom;

5. Illi m'għandhomx jiġu applikati kontra l-eċċipjenti rikonvenzjonata, la interament u lanqas in parti, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li t-tkissir taż-żwieġ tal-kontendenti mhux attribwibbli lilha imma lil żewġha għar-raġunijiet preċedentement

indikati u għalhekk is-sitt kontro-talba għandha tkun miċħuda, bi spejjeż kontra tiegħu;

6. Illi l-eċċipjenti rikonvenzjonata taqbel mas-seba' kontro-talba dment li żewġha wkoll ikun ordnat li jħallas jew jikkonsenja lilha skont il-każ, il-krediti u l-proprjeta' parafernali tagħha;

7. Illi t-tmien kontro-talba għandha titqies superfluwa u għaldaqstant għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra żewġha stante li riżultanti x-xoljiment, il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom kif kontemplat fi klawzola 4, partikolarment peress li l-assi formanti parti tali komunjoni mhux diviżibbli, jista' jkun li jinħtieġ li d-dar matrimonjali jkollha tinbiegħ u r-rikavat mill-bejgħ jinqasam bejn il-kontendenti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimata żewġha ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-rapport ta' Denise Portelli, Social Worker, ipprezentat fl-istadju ta' medjazzjoni fil-15 ta' Dicembru 2008;

<u>DIGRIETI PENDENTE LITE RILEVANTI GĦAT-TALBIET U EĊĊEZZJONIJIET</u>

2. Permezz ta' digriet datat 6 ta' Jannar 2009,[1] mogħti in atti tal-Ittra numru 526/2008, il-Qorti, wara li rat ir-Rapport tal-Ħaddiema Soċjali tal-15 ta' Diċembru 2008, ordnat *inter alia,* li pendenti l-medjazzjoni bejn il-kontendenti, fl-interess tal-minorenni Jade, Miguel u Andre', li l-attriċi għandha tikkonsenja lill-minorenni Miguel lill-konvenut sabiex dan jgħix miegħu flimkien ma' ħutu l-oħra Jade u Andre'. Ordnat inoltre li l-attriċi għandu jibqa' jkollha access kif rakkomandat mill-Ħaddiema Soċjali.

7. Permezz ta' digriet datat 24 ta' Ġunju 2009,[2] mogħti seduta stante, din l-Qorti ordnat lill-partijiet sabiex ma jesponux lill-minuri għal terzi persuni.

---

[1] Fol. 26

[2] Fol. 33

8. Permezz ta' digriet datat 2 ta' Frar 2010[3] din l-Qorti ordnat lill-attriċi tħallas lill-konvenut bħala manteniment għat-tlett ulied is-somma ta' EUR117 kull xahar għal kull wild minuri; dan oltre nofs l-ispejjeż kollha konnessi mal-edukazzjoni taghhom u nofs l-ispejjeż ta' natura straordinarja u relatati mas-saħħa tal-minorenni; permezz tal-istess digriet, l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex l-attriċi tiġi ordnata tħallas nofs is-somma ta' EUR400 rappreżentanti n-nefqa tal-konvenut għal-libsa tal-preċett ta' bint il-partijiet Jade.

9. Permezz ta' digriet datat 2 ta' Frar 2010[4] l-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi intiżi sabiex hija tiġi fdata bil-kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti u dawn jibdew jgħixu magħha; ċaħdet ukoll it-talbiet konsegwenzjali tal-attriċi sabiex tipprovdi għad-drittijiet ta' aċċess tal-konvenut u għar-retta alimentari tal-istess u kkonfermat l-ordni tagħha li ebda parti ma għandha tesponi lill-minorenni għal xi sieħeb jew sieħba jekk ikun il-każ.

10. Permezz ta' digriet datat 17 ta' Mejju 2012[5] l-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi għar-revoka tad-digriet tat-2 ta' Frar 2010 proposta abbażi tal-fatt li l-attriċi kellha tieqaf taħdem minħabba t-twelid tal-minorenni Gayle Fenech. Il-Qorti tagħat din id-deċiżjoni *"(...) stante li l-ulied tal-partijiet m'ghandhomx ibatu minhabba l-agir ta' l-attrici."*

11. Permezz ta' digriet datat 18 ta' April 2013[6] il-Qorti, peress li ma kienx jirriżulta bdil fiċ-ċirkustanzi, ċaħdet it-talba tal-attriċi għar-revoka tad-digriet tat-2 ta' Frar 2010; f'din l-istanza l-attriċi talbet sabiex id-digriet imsemmi jiġi revokat u minflok, u sakemm hija tibqa' taħdem fuq bażi *part-time*, tħallas l-intier tas-salarju tagħha bħala manteniment għat-tlett uliedha li jkun jinkludi sehema mill-ispejjeż relattivi.

<u>IR-RELAZZJONI TAL-PERIT PSIKOLOGU DENISE PORTELLI</u>

13. Il-Ħaddiema Soċjali Denise Portelli rrelatat permezz ta' rapport ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2008.[7] Din, in suċċint, ikkonkludiet illi:

*"Jidher car li C ghadu mwegga' hafna li A telqet mid-dar. Sfortunatament dan l-ugiegh tieghu qieghed xi kultant jesprimih b'mod negattiv, per ezempju billi meta jiltaqa' ma' A jghaddilha xi kummenti jew billi jghid lit-tfal xi kummenti negattivi dwar ommhom. Minn naha l-ohra A ukoll gieli ghaddiet kummenti negattivi dwar C quddiem it-tfal. C jsostni ukoll li A*

---
[3] Fol. 80
[4] Fol. 93
[5] Fol. 632
[6] Fol. 667
[7] Fol. 44

*laqtitu bil-bieb waqt il-laqgħa li kellna fit-8 ta' Dicembru biex tweggghu fizikament (A innegat li laqtitu b'intenzjoni)*

*Hu importanti li C u A izommu quddiem ghajnejhom li* ***t-tfal m'ghandhomx ikunu esposti ghall-argumenti ta' bejniethom****. B'intenzjoni tajba mit-tnejn, iridu jaslu f'punt li jikkomunikaw bejniethom b'mod civili fuq affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' uliedhom, minghajr ma jghaddu botti lil xulxin dwar il-hajja privat ta' wiehed jew l-ohra.*

*Dwar it-talbiet tal-partijiet fil-konfront tal-minuri hu irrakomandat li:*

- *Jade, Miguel u Andriy ghandhom jghixu mal-missier mit-Tnejn sal-Gimgha, matul is-sena skolastika.*
- *A ikollha access ghal uliedha nhar ta' Erbgha bejn 4.30 pm u 7.00 pm u;*

*<u>Gimgha A</u>: Il-Gimgha mill-5.30 pm sa 8.00 pm is-Sibt.*
*<u>Gimghad B</u>: Is-Sibt mill-5.30 pm sa 7.00 pm (Xitwa)/8.00 pm (Sajf) il-Hadd*

- *Fil-btajjel tal-iskola it-tfal ghandhom ikollhom l-opportunita' li jorqdu lejl iehor fost il-gimgha m'ommhom. Din il-gurnata ghandha tkun iffissata bejn il-partijiet biex isehh dakinhar li C ikun ser jahdem xift ta' bil-lejl.*
- *Fis-sajf l-omm ghandha jkollha dritt li t-tfal jghixu maghha ghall-gimgha shiha waqt iz-zmien tax-'shutdown' minn fuq il-post tax-xoghol taghha. Matul din il-gimgha il-missier ghandu jkollu l-opportunita' li jkellem lil uliedu.*
- *Ghall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena;*

*Mis-7.00 pm lejliet il-Milied sa l-ghada fid-9.00 am mal-omm u l-gurnata tal-Milied mal-missier*
*Lejliet l-ewwel tas-Sena sa l-ghada fid-9.00 am mal-missier u l-gurnata ta' l-Ewwel tas-Sena mal-omm.*
*(Is-sena ta' wara l-access ghal dawn il-feti jsir bil-kontra, ie it-tfal ikunu mal-omm il-gurnata tal-Milied, u mal-missier ghall-Ewwel tas-Sena)"*

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2010, fejn gie nominat il-Perit C Cassar biex jaghmel stima tal-fond konugali a spejjez ugwali tal-partijiet, giet nominata ukoll l-avukat Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012 fejn gie revokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju u gie nominat l-avukat Dottor Keith Borg bhala perit legali;

Rat ir-rapport tal-Perit C Cassar mahluf fit-18 ta' Jannar 2012;[8] in suċċint, ikkonkluda illi l-valur tal-fond 'Santa Rita', Triq Pawlu Aquilina, ġja' Triq Blat il-Qamar, is-Siggiewi, u ċioe' d-dar matrimonjali, huwa ta' Euro 165,000.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet "A B pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku et" fejn gie deciz li l-minuri Gayle B li twieldet fl-14 ta' Mejju 2011 mhiex bint C B izda hi bint Stephan Fenech;

Rat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Mejju 2013 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs A B";

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Keith Borg mahluf fit-3 ta' Marzu 2016;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-14 ta' Lulju 2016;[9]

Semghat it-trattazzjoni orali tal-Avukat Dottor Edward Gatt ghall-konvenut fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2016.

Rat in-nota tal-attrici tat-2 ta' Novembru 2016 fir-rigward tad-dar matrimonjali;[10]

Semghat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2016;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza

Ikkunsidrat;

VERZJONI ATTRIĊI

L-attriċi xehdet fis-seduta miżmuma mill-perit legali fil-15 ta' Marzu 2012. Hemmhekk hija spjegat kif dak iż-żmien ma kinitx qiegħda taħdem u kif qabel kienet impjegata ma' Caprice Glassworks Ltd. Spjegat kif f'Novembru tas-sena 2010 hija rriduċiet l-impjieg tagħha minn wieħed *full-time* għal wieħed *part-time* peress li kienet tqila. Preżentat Dok. 'DSX1' u Dok. 'DSX2' li juru li fis-16 ta' Novembru 2010 l-attriċi bdiet taħdem bħala *part-time sales secretary* mal-kumpannija msemmija sabiex fid-9 ta' April 2011 hija rrizenjat minn dan l-impjieg. Hija fil-fatt welldet tifla fl-14 ta'

[8] Fol. 597
[9] Fol. 1082
[10] Fol. 1119

Mejju 2011 u tgħid li ma setgħetx tkompli taħdem peress li kellha bżonn tieħu ħsieb lit-tarbija. L-attriċi tispjega inoltre kif ma reġgħetx irritornat għax-xogħol ‘l għaliex reġgħet inqabdet tqila.

L-attriċi tkompli illi meta hija rriduċiet l-impjieg tagħha minn wieħed *full-time* għal wieħed *part-time*, is-salarju tagħha naqas iżda xorta baqgħet tħallas il-manteniment lilha ordnat mill-Qorti, anke meta eventwalment waqfet taħdem. Tispjega pero’ li f’Awwissu 2011 spiċċawlha l-flus.

L-attriċi tispjega wkoll kif bħala assi tal-komunjoni tal-akkwisti hemm biss id-dar matrimonjali li fiha jgħix il-konvenut; skont l-atttriċi, ulied il-kontendenti jghixu għand in-nanna paterna tagħhom. Kontra l-akkwist ta’ din il-proprjeta’ il-kontendenti kienu ħadu self mingħand il-Bank of Valletta plc li għadu mhux imħallas; inoltre, minn mindu l-partijiet infirdu dan is-self baqa’ jħallsu l-konvenut.

L-attriċi tispjega wkoll li l-konvenut jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija u għandu salarju ta’ madwar €1,400 netti fix-xahar.

Tispjega kif lil uliedha ilha ma tarahom minn Settembru 2011; dwar l-eżerċizzju tal-aċċess tispjega li minn dejjem kien hemm diversi problemi peress li t-tfal kienu jirrifjutaw li jmorru magħha u l-konvenut xejn ma kien iħeġġiġhom, anzi kien jinfluwenzahom fin-negattiv.

In kontro-eżami l-attriċi tikkonferma li hija tgħix flimkien mas-sieħeb tagħha Stephan Fenech, li kienet ilha hekk tgħix għal dawn l-aħħar sentejn, li kien l-*employer* tagħha u li minnu kellha tarbija. Issostni pero’ li meta telqet mid-dar matrimonjali, marret tgħix flimkien ma’ ommha; dan sa Diċembru 2008 meta kriet appartament.

## VERZJONI KONVENUT

Il-konvenut xehed quddiem il-Qorti fis-16 ta’ Diċembru 2010.[11] Hawhekk spjega illi ulied il-kontendenti kienu ilhom fil-kustodja tiegħu mindu l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali f’Mejju tal-2008.[12] Jispjega ‘lli l-attriċi, apparti l-manteniment fis-somma ta’ EUR350 fix-xahar, qatt ma kkontribwiet versu s-saħħa u l-edukazzjoni ta’ uliedhom u jilmenta mill-fatt li hu waħdu baqa’

[11] Fol. 537

[12] L-esponenti jirrileva ‘lli s-sena preċiża hija s-sena 2008 hekk kif jirriżulta mir-rapport P.I.R.S. magħmul mill-attriċi mal-Pulizija Eżekuttiva, fol. 97.

jħallas is-self fuq l-akkwist tad-dar u l-*life policy* tal-attriċi. Il-konvenut jispjega wkoll li s-salarju tiegħu huwa ta' EUR1,350 filwaqt li jitfa' dubju li s-salarju tal-attriċi huwa ta' EUR700 mill-karigi tagħha ta' *manager* u direttriċi.

PROVI OĦRA

Permezz ta' nota, kkonfermata bil-ġurament fil-5 ta' Frar 2010,[13] **Grace B,** omm il-konvenut, stqarret li s-separazzjoni bejn il-kontendenti seħħet 'l għaliex l-attriċi marret tgħix ma' terza persuna u ħalliet lil uliedha warajha. Issostni li kellha *"tmidd ghonqha"* għar-responsabbilta' ta' ulied il-kontendenti li wara t-tluq tal-attriċi, kienet waqgħet anke f'ħoġorha. Hija tgħid ukoll li ħasset li kellha tressaq din in-nota wara li l-konvenut kien taha kopja tar-rikors tal-attriċi tas-16 ta' Diċembru 2009. Issostni li l-attriċi ma tużufruwix mid-drittijiet ta' aċċess lilha mogħtija mill-Qorti u li mit-2 ta' Settembru 2009 sad-data tan-nota tagħha, l-attriċi kienet biss aċċediet għat-tfal f'żewġ okkażjonijiet; dan minkejja li qatt ma ġiet imċaħħda mid-drittijeit tagħha. Grace B nnegat, anzi ħassitha nġurjata bl-allegazzjoni tal-attriċi, li hija tgħidajquddiem it-tfal, jew tgħallimhom kliem baxx. Irrilevat fl-għeluq illi fil-21 ta' Lulju 2008 hija u żewġha Joseph kitbu lill-attriċi peress li din bdiet tagħmel allegazzjonijiet ta' infedelta' u vjolenza da parti tal-imsemmi Joseph B.

Imressqa mill-attriċi:

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fl-10 ta' Ġunju 2010[14] xehdet **Maruska Buttigieg Gili** in rappresentanza tal-Banif Bank (Malta) plc li mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut tgħid li ma rriżultatilha ebda nformazzjoni.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fit-23 ta' Settembru 2010[15] xehdet ukoll **Katrina Buhagiar** in rappresentanza tal-Banif Bank (Malta) plc li mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi tgħid li ma rriżultatilha ebda nformazzjoni.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dott. Fransina Abela fl-10 ta' Ġunju 2010[16] xehed ukoll **David Galea** in rappresentanza tal-APS

[13] Fol. 108
[14] Fol. 115
[15] Fol. 115
[16] Fol. 115

Bank Ltd. li mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut irriżultawlu s-segwenti kontijiet:

a. Dok. 'APS1'[17] – *term deposit account* bin-numru 2000021528-0, intestat lill-konvenut waħdu, li ngħalaq fis-17 ta' Ġunju 2008 bi żbank ta' EUR6,059.88.

b. Dok. 'APS2'[18] – kont *Savaings 3 Day Bonanza* bin-numru 2000047937-7, intestat lill-konvenut waħdu, li ngħalaq fl-14 ta' Lulju 2008 bi żbank ta' EUR368.18.

ċ. Dok. 'APS3'[19] – *term deposit account* bin-numru 2000069076-2, intestat lill-konvenut waħdu, li ngħalaq fit-12 ta' Novembru 2008 bi żbank ta' EUR5,139.89.

d. Dok. 'APS4'[20] – kont kurrenti bin-numru 2000069971-1, intestat lill-konvenut waħdu, li fis-16 ta' Marzu 2009 kellu bilanċ ta' EUR0.64.

Ix-xhud **Mark Sammut** in rappreżentanza tal-APS Bank Ltd. xehed fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dott. Fransina Abela fit-23 ta' Settembru 2010.[21] Mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi ma rriżultatlu ebda nformazzjoni. Ix-xhud reġa' xehed, din id-drba prodott mill-konvenut, fis-seduta miżmuma quddiem l-Qortii fit-8 ta' Ottubru 2012,[22] fejn qal illi ma kellu ebda aġġjornament x'joffri fuq ix-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tal-APS Bank Ltd.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fl-10 ta' Ġunju 2010[23] xehed ukoll **Romuald Attard** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc li mir-riċerka mwettqa fuq il-kontendenti irriżultawlu s-segwenti kontijiet:

a. Dok. 'BOV1'[24] – kont *savings* bin-numru 117-9754801-3, intestat lill-konvenut waħdu, li fit-22 ta' Dicembru 2009 kellu bilanċ ta' EUR12.85.

b. Dok. 'BOV2'[25] – kont ta' self bin-numru 4001023535-9, intestat lill-kontendenti, li fit-28 ta' Marzu 2003 ngħalaq bi ħlas a saldu.

[17] Fol. 315
[18] Fol. 317
[19] Fol. 319
[20] Fol. 320
[21] Fol. 520
[22] Seduta Peritali numru 3.
[23] Fol. 115
[24] Fol. 120

ċ. Dok. 'BOV3'[26] – kont kurrenti bin-numru 40011066336, intestat lill-kontendenti, li fil-25 ta' Lulju 2009 kellu bilanċ ta' EUR0.57.

d. Dok. 'BOV4'[27] – kont *house loan* bin-numru 44001243858-1, intestat lill-kontendenti, li fl-10 ta' Diċembru 2009 kien fi żbilanċ ta' EUR33,485.81.

e. Dok. 'BOV5'[28] – kont *house loan* bin-numru 4001243862-0, intestat lill-kontendenti, li li fl-10 ta' Diċembru 2009 kien fi żbilanċ ta' EUR18,753.59.

f. Dok. 'BOV6'[29] – kont *house loan* bin-numru 4001243866-2, intestat lill-kontendenti, li fl-10 ta' Diċembru 2009 kien fi żbilanċ ta' EUR20,925.13.

ġ. Dok. 'BOV7'[30] – kont *savings* bin-numru 40012977547, intestat lill-konvenut waħdu, li fit-28 ta' Novembru 2008 ngħalaq bi żbank ta' EUR66.64.

g. Dok. 'BOV8'[31] – kont Visa, intestat lill-konvenut waħdu, li fil-15 ta' Mejju 2010 kien fi żbilanċ ta' EUR731.72.

Ix-xhud Romuald Attard reġa' xehed fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dott. Fransina Abela fit-23 ta' Settembru 2010.[32] Mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi irriżultawlu s-segwenti kontijiet:

a. Dok. 'RAA1'[33] - kont *savings* bin-numru 40013917386, intestat lill-attriċi waħedha, li fit-30 ta' Ottubru 2006 ngħalaq bi żbank ta' LM5.27.

b. Dok. 'RAA2'[34] - kont *savings* bin-numru 40013917409, intestat lill-attriċi waħedha, li fit-30 ta' Ottubru 2006 ngħalaq bi żbank ta' LM1.40.

Hawnhekk ix-xhud spjega 'lli t-tlett kontijiet ta' self msemmija fid-depożizzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2010 kienu qiegħdin jitħallsu permezz ta' *standing order* mill-kont bin-numru 11797548013; spjega wkoll li l-ħlasijiet kienu mwaqqfa minħabba mandat ta' sekwestru maħruġ fuq l-

[25] Fol. 209
[26] Fol. 212
[27] Fol. 266
[28] Fol. 273
[29] Fol. 280
[30] Fol. 287
[31] Fol. 293
[32] Fol. 520
[33] Fol. 523
[34] Fol. 526

*account holder*. Spjega wkoll illi *supplementary card* f'isem l-attriċi ngħalqet fis-16 ta' April 2009.

Romuald Attard reġa' xehed, din id-darba prodott mill-konvenut, fis-seduta miżmuma mill-Qortii fit-8 ta' Ottubru 2012[35] li mir-riċerka mwettqa fuq il-kontendenti irriżultawlu s-segwenti kontijiet:

a. Dok. 'RAX1' – kont *savings* bin-numru 40013917409, intestat lill-attriċi waħedha, li ngħalaq fit-30 ta' Ottubru 2006 bi żbank ta' LM1.40.

b. Dok. 'RAX2' – kont *savings* bin-numru 40013917386, intestat lill-attriċi waħedha, li ngħalaq fit-30 ta' Ottubru 2006 bi żbank ta' LM5.27.

ċ. Dok. 'RAX3' – kont *savings* bin-numru 117-9754801-3, intestat lill-konvenut waħdu, li fil-25 ta' Mejju 2012 kellu bilanċ ta' EUR00.00.

d. Dok. 'RAX4' – kont *savings* bin-numru 40012977547, intestat lill-konvenut waħdu, li fit-28 ta' Novembru 2008 kellu bilanċ ta' EUR00.00.

e. Dok. 'RAX5' – kont ta' self *credit card loans* bin-numru 4001960653-6, intestat lill-konvenut waħdu, li fil-25 ta' Mejju 2012 kien fi żbilanċ ta' EUR271.91.

f. Dok. 'RAX6A' – kont Visa, intestat lill-konvenut waħdu, li fid-9 ta' Awwissu 2008 kien fi żbilanċ ta' EUR687.59.

ġ. Dok. 'RAX6B' – kont Visa, intestat lill-konvenut waħdu, li fit-12 ta' Marzu 2008 2011 kellu bilanċ ta' EUR00.00.

għ. Dok. 'RAX7' – kont ta' self *consumer loans* bin-numru 4001023535-9, intestat lill-kontendenti, li fit-28 ta' Marzu 2003 ngħalaq bi ħlas a saldu.

ħ. Dok. 'RAX8' – kont kurrenti bin-numru 40011066336, intestat lill-kontendenti, li fil-31 ta' Diċembru 2011 kellu bilanċ ta' EUR0.57.

h. Dok. 'RAX9' – kont ta' self *house loan* bin-numru 4001243858-1, intestat lill-kontendenti, li fil-31 ta' Diċembru 2011 kien fi żbilanċ ta' EUR33,433.65.

[35] Seduta Peritali numru 3.

i. Dok. 'RAX10' – kont ta' self *house loan* bin-numru 4001243862-0, intestat lill-kontendenti, li fil-31 ta' Diċembru 2011 kien fi żbilanċ ta' EUR18,524.59.

j. Dok. 'RAX11' – kont ta' self *house loan* bin-numru 4001243866-2, intestat lill-kontendenti, li fil-31 ta' Diċembru 2011 kien fi żbilanċ ta' EUR21,048.58.

Ix-xhud jikkonferma wkoll illi Dok. 'RAX6B' jirrelata dwar il-VISA card f'isem il-konvenut li tagħha l-attrici kellha *supplementary card* bin-numru 4552401309979023. Jispjega inoltre li l-pagamenti a saldu tas-self indikat f'Dok. 'RAX9', 'RAX10' u 'RAX11' saru mill-kont 'RAX3' intestat lill-konvenut. Ikkonferma illi l-ħlasijiet *cash* qiegħdin isiru wkoll mill-konvenut.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fl-10 ta' Ġunju 2010[36] xehed ukoll **Robert Sammut** in rapprezentanza tal-Borża ta' Malta li mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut ma rriżultatlu ebda nformazzjoni.[37]

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju fl-10 ta' Ġunju 2010[38] xehdet ukoll **Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc li mir-riċerka mwettqa fuq il-konvenut irriżultawlha s-segwenti kontijiet:

a. Dok. 'HSBC1'[39] – kont kurrenti bin-numru 441004907, sussegwentement mibdul għan-numru 044-044808-001, intestat lill-konvenut waħdu, li fl-10 ta' Mejju 2010 kellu bilanċ ta' EUR8.36.

b. Dok. 'HSBC2'[40] – kont *savings* bin-numru 444131810, sussegwentement mibdul għan-numru 044-044808-050, intestat lill-konvenut waħdu, li fil-11 ta' Dicembru 2009 kellu bilanċ ta' EUR0.00.

ċ. Dok. 'HSBC3'[41] – kont ta' self bin-numru 448008886, sussegwentement mibdul għan-numru 044-044808-300, intestat lill-konvenut waħdu, li fl-4 ta' April 2002 ingħalaq bi ħlas a saldu.

---

36 Fol. 115
37 Fol. 321
38 Fol. 115
39 Fol. 322
40 Fol. 397
41 Fol. 442

d. Dok. 'HSBC4'[42] – kont Visa, intestat lill-konvenut waħdu, li fl-14 ta' Mejju 2010 kien fi żbilanċ ta' EUR1,239.25.

e. Dok. 'HSBC5'[43] – kont ta' self, intestat lill-kontendenti, li fid-9 ta' Ottubru 2008 ngħalaq bi ħlas a saldu.

f. Dok. 'HSBC6'[44] – kont Visa, intestat lill-konvenut waħdu, li fil-5 ta' Ġunju 2003 ngħalaq bi ħlas a saldu.

Ix-xhud Audrey Ghigo reġgħet xehdet, din id-darba prodotta mill-konvenut, fis-seduta miżmuma mill-Qortii fit-8 ta' Ottubru 2012[45] fejn mir-riċerka minnha mwettqa fuq l-attriċi mill-1 ta' Jannar 2001 sal-5 ta' Ottubru 2012 irriżultalha Dok. 'AGX1' – kont *savings* bin-numru 784228894, sussegwentement mibdul għan-numru 078-052883-050, intestat lill-attriċi waħedha, li nfetaħ fl-14 ta' April 1993 u li fid-29 ta' Mejju 2012 kellu bilanċ ta' EUR0.05. Ix-xhud spjegat illi ma rriżultawlhiex kontijiet konġuti f'isem l-attriċi ma' persuni li ma humiex il-konvenut.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju fl-10 ta' Ġunju 2010[46] xehdet ukoll **Christine Camilleri** in rapprezentanza tal-Mediterranean Bank plc li mir-riċerka mwettqa fuq il-kontendenti tgħid li ma rriżultatilha ebda nformazzjoni.

Fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fit-23 ta' Settembru 2010[47] xehdet ukoll **Jeanette Lepre** in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc li mir-riċerka mwettqa fuq l-attriċi tgħid li ma rriżultatilha ebda nformazzjoni. Ix-xhud reġgħet xehdet, din id-darba prodotta mill-konvenut, fis-seduta miżmuma quddiem l-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2012[48] fejn spjegat illi mir-riċerka minnha mħejjija mill-1 ta' Jannar 2001 sallum ma nstabu ebda kontijiet reġistrati mal-bank minnha rappreżentat f'isem il-partijiet waħedhom jew flimkien ma' terzi.

<u>Imressqa mill-konvenut</u>:

Fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali fil-15 ta' Ġunju 2013[49] xehed **Anthony Caruana**, missier l-attriċi li jiddeskrivi lill-istess attriċi bħala

[42] Fol. 448
[43] Fol. 500
[44] Fol. 512
[45] Seduta Peritali numru 3.
[46] Fol. 115
[47] Fol. 115
[48] Seduta Peritali numru 3.
[49] Seduta Peritali numru 7.

*"tifla twieldet tigdeb"* u bħala *"tifla li taghmel biss dak li jaqbel lilha, meta jaqbel lilha"*. Jiddeskrivi lil ulied il-kontendenti bħala *"kuntenti hafna"* u jispjega li mal-konvenut ma jsibx problem sabiex jarahom. Ix-xhud jispjega li l-attriċi llum tgħix ma' Stephan Fenech u minnu għandha żewġt itfal. Jiddeskrivi episodju fejn darba fit-03.30 a.m. wara li l-kontendenti kienu diġa' nfirdu u l-attriċi kienet qiegħda tirrisjedi miegħu u ma' martu, sab lit-tifel Miguel, li dak iż-żmien kellu ħames snin, jistenna lil ommu tirritorna minn barra fuq is-sufan quddiem it-televixin. Ix-xhud jispjega kif hu kien mingħalih li l-attriċi kienet rieqda ma' binha. Meta rrabja magħha, l-għada filogħdu, l-attriċi ġabret ħwejjiġha u telqet.

Fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali fil-15 ta' Ġunju 2013[50] xehdet **Erminia Caruana**, omm l-attriċi li tispjega kif għal bidu tad-dissest matrimonjali tal-kontendenti, il-familja tal-attriċi kienet warajha 'l għaliex kienet temmen dak li kienet tirrakkontalhom l-istess bħal per eżempju li l-konvenut kien jgħajjarha li tmur mal-irġiel, u li kien jgħamlilha l-għassa u jiccekkjalha t-telefon ċellulari tagħha. Illum pero' r-relazzjoni tagħha mal-attriċi hija ħażina ħafna. Tispjega kif lil ulied il-kontendenti hi u żewġha jarawhom regolarment fi tmiem il-ġimgħa meta ma tmurx għalihom l-attriċi. Ix-xhud tkompli li l-attriċi tgħix ma' Stephan Fenech, u fid-data tad-depożizzjoni tagħha kienet ilha hekk tgħix xi erba' snin jew erba' snin u nofs. Minn din ir-relazzjoni twieldu żewġt itfal. Fenech għandu fabbrika tal-aluminium u oħra tal-ħġieġ; ix-xhud pero' ma tafx bintha l-attriċi taħdimx. Fl-għeluq ix-xhud tispjega kif kienet l-attriċi li kienet timpedixxi lilha u lil żewġha milli jaraw lit-tfal filwaqt li l-istess attriċi kienet, għal din iċ-ċaħda twaħħal fil-konvenut. Dan skoprietu meta l-attriċi baqgħet tgħid l-istess wara madwar erba' xhur li hi u żewġha kienu reġgħu bdew jaraw lil ulied il-kontendenti bi ftehim mal-konvenut.

Fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali 18 ta' Lulju 2013[51] xehdet **Grace B**, omm il-konvenut li spjeat li fir-rispett tat-tlett itfal tal-kontendenti hija tagħmel ix-xoghol li suppost tagħmel ommhom l-attriċi. Tispjega li t-trobbija tagħhom jieħdu ħsiebha hi u l-konvenut. Tispjega wkoll li kellha diversi nċidenti mal-attriċi fosthom meta darba infamat lil żewġha u darb'ohra attakkatha fiżikament. Illum bejn ix-xhud u l-attriċi ma hemmx relazzjoni iżda hemm relazzjoni tajba man-nanniet materni ta' ulied il-kontendenti. Tiddeskrivi t-tfal bħala *"ferhana ghalkemm jigu mumenti fejn isemmu u jhossu n-nuqqas ta' ommhom."* F'dawn ic-cirkostanzi, x-xhud tispjega kif toffrilhom biex jagħmlu kuntatt mal-attriċi iżda t-tfal stess ma jkunux iridu.

---

[50] Seduta Peritali numru 7.

[51] Seduta Peritali numru 8.

Fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali fit-18 ta' Lulju 2013[52] xehdet **Caroline B**, oħt il-konvenut li tiddeskrivi lill-attriċi bħala persuna li *"kienet ta' spiss tivvittimizza ruhha bhala li kulhadd, inkluz familjari taghha, kien kontriha."*

Fis-seduta miżmuma mill-Perit Legali fil-15 ta' Ġunju 2013[53] ġew eżibiti kopji awtentikati ta' tlett sentenzi, tnejn tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-attriċi, fuq ammissjoni tagħha stess, instabet ħatja ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, u oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali riferibbli għal appell interpost minn waħda mill-ewwel żewġ sentenzi surriferiti.

**Rapport Peritali tal-Perit Legali Dottor Keith Borg**.

Il-Perit Legali,l-Avukat Dottor Keith Borg, fir-Relazzjoni tieghu Fol 1022 et seq wasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

1. L-attrici b'ebda mod ma ippruvat l-adulterju ta' zewgha, mentri jirrizulta abbondantement l-adulterju tal-attrici.
2. L-allegazzjoni tal-konvenut ta' abbandun da parti tal-attrici ma tirizultax billi l-perjodu ta' sentejn indikat fl-Artikolu 41 tal-Kap 16 ma lahaqx iddekorra.
3. L-ebda parti ma ippruvat l-mohqrija u l-eccessi tal-parti l-ohra; lanqas irrizultaw t-theddied u l-vjolenzi.
4. Tirrizulta l-ingurja gravi tal-attrici li allegat l-infedelta' da parti ta' zewgha li ma irrizultatx.
5. Ghandhom japplikaw fil-konfront tal-attrici fl-intier taghhom id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16.
6. Id-data tal-14 ta' Awwissu 2010 ghandha tkun ikkunsidrata bhala dik meta l-attrici ghandha tkun ritenuta hatja tal-firda, cioe' d-data approsimattiva tal-koncepiment tat-tifla Gayle Fenech.
7. Il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet il-minuri Jade, Miguel u Andre' ghandha tigi fdata esklusivament favur il-konvenut missierhom, li mieghu ghandhom jirrisjedu.
8. L-access ghall-minuri mill-attrici ommhom ghandu jkun:

Fix-xhur skolastici kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis, mill-4.30pm sas-7.00pm, l-attrici ghandha tigbor lit-tfal mir-residenza tal-konvenut u hemm terga' tirritornhom; kull nhar ta' Sibt u l-gimgha ta' wara kull nhar ta' Hadd mill-10.00am sat-3.00pm.

---

[52] Seduta Peritali numru 8.
[53] Seduta Peritali numru 7.

Fil-vakanzi fit-tlett xhur tas-sajf kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Hamis bejn l-4.30pm u t-8.00pm; kull nhar ta' Sibt u l-gimgha ta' wara kull nhar ta' Hadd mill-10.00am sal-5.00pm.

F'Lejliet il-Milied u f'Jum il-Milied t-tfal ghandhom ikunu ma' parti f'sena u mal-parti l-ohra s-sena ta' wara, l-istess ghandu jsir f'Lejliet L-Ewwel tas-Sena u Jum l-Ewwel tas-Sena.

Fil-festi bhal l-Ghid il-Kbir u fil-birthdays tal-minuri, t-tfal ghandhom iqattghu nofs ta' nhar ma kull parti u f-gheluq zmien il-partijiet, Jum l-Omm u Jum il-Missier it-tfal ghandhom iqattghu gurnata shiha ma dik l-parti li tkun qed ticcelebra il-festa.

Il-Perit Legali rrakomanda li dan l-access ghandu jibda jigi ezercitat wara li jigi nominat espert fil-kamp tal-psikologija biex jerga' jibni l-komunikazzjoni bejn l-attrici u l-ulied.

9. L-attrici ghandha thallas manteniment ta' Euro 117 ghal kull wild fix-xahar oltre nofs l-ispejjes medici u ta' edukazzjoni tat-tfal. Il-Perit Legali rrakkomnda awment ta' Euro 50 fix-xahar ghal kull wild biex din tkopri l-ispejjes ordinarji relatati ma edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulari u dan in vista tad-diffikultajiet li nqalghu bejn il-partijiet dwar il-hlas tal-istess. Spejjes ta' natura straordinarja jibqghu a karigu tal-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom.

10. L-konvenut ghandu jircevi u jamministra kull beneficcju socjali li jkunu intitolati ghalih il-minuri.

11. IL-Komunjoni tal-Akkwisti.

Id-dar matrimonjali 'Santa Rita', Triq Pawlu Aquilina, gia' Triq Blat il-Qamar, Siggiewi ghandha tinbiegh fiz-zmien sentejn fuq is-suq liberu. Jekk tibqa' ma tinbieghx f'dan it-terminu ta' sentejn tinbiegh b'licitazzjoni fuq talba ta' wahda mill-partijiet wara li ssir stima peritali qwar il-valur tal-istess. Mir-rikavat, ma' sehem il-konvenut ghandu jizdied nofs il-hlasijiet li hu ghamel kontra il-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti mill-14 ta' Awwissu 2010 sad-data tad-divizjoni.

Ghandhom jithallsu mir-rikavat tal-biegh d-djun tal-komunjoni cioe':

A) Il-bilanc tal-House Loan kont numru 44001243858-1 mal-Bank of Valletta plc;

B) Il-bilanc tal-House Loan kont numru 4001243862-0 mal-Bank of Valletta plc;

C) Il-bilanc tal-House loan kont numru 4001243866-2 mal-Bank of Valletta plc;
D) L-attrici ghandha tigi assenjata il-kont Savings numru 784228894 mibdul ghan-numru 078-052883-050 mal-HSBC Bank (Malta)plc;
E) Il-konvenut ghandu jigi assenjat;
Il-kont numru 2000069971-1 mal-APS Bank Limited;
Il-kont numru 117-9754801-3 mal-Bank of Valletta plc;
Il-kont numru 40012977547 mal-Bank of Valletta plc;
Il-kont ta' self credit card loans numru 4001960653-6 mal-Bank of Valletta plc;
Kull kont Visa f-ismu mal-Bank of Valletta plc;
Il-kont kurrenti numru 441004907 mibdul ghal 044-044808-001 mal-HSBC Bank (Malta) plc;
Il-kont savings numru 444131810 mibdul ghal 044-044808-050 mal-HSBC Bank (Malta) plc;
Kull kont Visa f'ismu mal-HSBC Bank (Malta) plc.

Il-kontendenti ghandhom jiddividu fi kwoti indaqs l-ammont fil-kont numru 40011066336 mal-Bank of Valletta plc.

Il-Perit Legali kkonkluda li l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-Perit Legali korrettament ikkummenta dwar il-karenza ta' evidenza li tirrzulta mill-atti. L-attrici xehedet biss fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 mizmuma mill-Perit Legali. Fl-istess seduta gie registrat verbal, Fol 707, mill-Avukat Dottor David Camilleri ghall-attrici li ddikjara ' li salv ghall-prezentata tal-affidavit tal-attrici, l-istess attrici ma ghandhiex aktar provi x' tipproduci'. Dan iffisser li kemm l-attrici kif ukoll il-konsulent legali taghha hassew, dakinhar li xehdet l-attrici, li x-xhieda taghha, ghall-kompletezza kellha tigi segwita b'affidavit dettaljat u komprensiv fejn l-attrici tixhed u tikkummenta dwar il-konvivenza tal-partijiet, l-incidenti partikolari fil-hajja mizewga taghhom li rrendew l-istess konvivenza impossibbli u dettalji specifici in sostenn tall-allegazzjonijiet taghha fil-konfront ta' zewgha. Inspjegabilment pero' dan l-affidavit l-attrici baqghet ma ippresentathux.

Irrizulta li l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Dicembru 2000, kellhom l-ewwel tarbija, Jade, li twieldet fl-10 ta' Mejju 2002, kellhom lil Miguel li twieled fid-9 ta' Jannar 2004 u Andre' li twieled fis-16 ta' Jannar 2005.

L-attrici pprocediet b'ittra ta'medjazzjoni tal-15 ta' Mejju 2008, Fol 7 u nghatat l-awtorizzazjoni biex tipprocedi b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2008, Fol 8.

Ir-rikors guramentat gie pprezentat fit-3 ta' Novembru 2008.

Mir-rapport tas-Social Worker, Denise Portelli, Fol 44, rapportipprezentat fil-15 ta' Dicembru 2008, irrizulta li l-attrici telqghet lill-konvenut u marret biex tigbor hwejjigha fl-10 ta' Mejju 2008. L-konvenut C B jippreciza fil-kontrotalba tieghu Para 4 Fol 23, li l-attrici abbandunat id-dar konjugali fis-7 ta' Mejju 2008. Marret tghix ghand il- genituri taghha u maghha hadet lit-tifel Miguel mentri Jade u Andre' baqghu jghixu mal-missier.

It-tfal gew separati minn xulxin wara dizgwid li kien nqala' bejn il-partijiet fit-22 ta' Settembru 2008.

L-attrici ghamlet minn Mejju sa Dicembru 2008 tghix mal-genituri taghha u wara li kellha l-incident ma' missierha, Anthony Caruana, li kien rrimproverha ghax halliet lit-tifel Miguel rieqed fuq is-sufan sa tard bil-lejl, hi marret tghix f'appartament f'Haz-Zebbug, Fol 714, u skont ommha, Erminia Caruana, li xehdet fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2013, bintha A ilha tghix mal-partner Stephan Fenech 'xi erba' snin jew erba' snin u nofs' Fol 715. u cioe' mis-sena 2009.

L-istess attrici kkonfermat, Fol 707, li meta telqghet mid-dar marret tghix ghand il-genituri taghha minn Mejju 2008 sa Dicembru 2008 u mbaghad kriet appartament ghar-rasha u marret tghix fih wahedha. Ikkonfermat li qed tghix mal-partner taghha fl-indirizz 'The Penthouse, Alucare Building,Triq il-Kappar, Mosta.

L-attrici, lis-Social Worker qaltilha li telqghet mid-dar ghax il-konvenut hu "controlling" u ma kienx possibbli li tibqa' tghix mar-ragel, Fol 45; omm l-attrici tghid li bintha kienet tghidilha, Fol 715, li zewgha il-konvenut jghajjarha li tmur mal-irgiel, jaghmillha l-ghassa u jiccekjalha il-mobile.

Fir-rikors promotorju l-attrici tallega li l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi,eccessi,minacci, ingurji gravi,u vjolenza psikologika da parti tal-konvenut zewgha, kif ukoll li l-konvenut jbaghti minn ghira patologika u ghandu ossessjoni kbira dwar dak kollu li taghamel l-attrici bhal fejn tmur u kemm idum. L-attrici tallega li zewgha ibaghti minn'personality disorder' u b'negligenza waqqaf unilateralment il-kura medika a detriment tar-relazzjoni taghhom. Tallega ukoll li ghandu

relazzjoni adultera ma' certa Michelle, li ghandha zewgt itfal u li din l-hajja adultera flagranti tieghu hi skandaluza ghall-uliedhom il-minuri.

Il-konvenut, fil-kontrotalba tieghu jikkontendi li l-hajja konjugali taghhom saret impossibbli minnhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi,minacci u ingurji gravi da parti tal-attrici fil-konfront tieghu.

**HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG.**

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet " **Caterina Agius vs Benedict Agius"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta'Gunju 1967 fejn intqal li l-Ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri.

Dwar l-adulterju, fil-kawza fl-ismijiet " **Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti civili fis-27 ta' gunju 1964 ntqal:
" L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

" Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt".[54]

Dwar l-abbandun fil-kawza fl-ismijiet " **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' novembru 1964 ntqal:

"L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skond il-kaz minnghajr raguni tajba".

[54] Ara wkoll "**Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**" – Appell – 15.12.2015, citata mill-Perit Legali (fol. 1049).

Fil-kawza fl-ismijiet" **Jane sive Giovanna Cordina vs Dottor Albert V Grech et noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li (1) jkun ghall-perjodu ta' almenu sentejn u (2) li jkun minghajr giusta kawza. L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistix jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-gudikant".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li c-cirkostanza saljenti li ddetterminat t-tkissir ta' dan iz-zwieg kienet d-decizjoni unilaterali u rrevokabbli tal-attrici li tabbanduna d-dar matrimonjali. Ma iirrizultax mill-provi li l-hajja konjugali tal-partijiet kienet karratterizata minn glied, tghajjir jew incidenti ta' vjolenza bejniethom. Saru diversi allegazzjoniet partikolarment mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, fosthom ghira patologika u 'personality disorder', apparti dawk ta' sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, pero' ma saret l-ebda prova mill-attrici dwar dawn l-allegazzjonijiet.

L-attrici allegat ukoll l-adulterju tal-konvenut, skandaluz fil-konfront tat-tfal ghax flagranti, u indikat specifikatement lil certa Michelle, li ghandha zewgt itfal. Pero' anke dwar din l-allegazzjoni tant serja, l-attrici naqset inspjegabilment li tipproduci l-icken prova.

Mill-banda l-ohra ma hemmx dubbju li rrizulta l-adulterju tal-attrici ma' Stephan Fenech, li kienet ilha tafu is-snin billi kienet impjegata ta' wahda mill-kumpaniji tieghu. Hi kellha tarbija minnu fl-14 ta' Mejju 2011 u sa minn Dicembru 2008 hi kienet gia' tghix f'appartament mikri f'Haz-Zebbug billi telqghet mid-dar tal-ġenituri taghha fejn kienet ilha minn Mejju 2008. Irrizulta ukoll li kellhom tarbija ohra. L-attrici tammetti li bintha Gayle, twieldet mir-relazzjoni taghha ma' Stephan Fenech u ghamlet riferenza, Fol 664 ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta'Jannar 2012 fil-kawza fl-ismijiet "A B pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku et" 240/11 AL fejn gie dikjarat u deciz li l-minuri Gayle ma kinitx bint il-konvenut C B izda bint Stephan Fenech.

Kif tajjeb ikkonkluda il-Perit Legali iz-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba l-adulterju tal-attrici kif ukoll minnhabba offiza gravi tal-istess attrici fil-konfront tal-konvenut meta ingiustament akkuzatu b'adulterju li dwaru ma ipproduciet l-ebda prova.

F'Mejju 2008 telqet mid-dar matrimonjali u qatt ma irritornat. Fl-istess xahar, u cioe' fil-15 ta' Mejju 2008 ipprezentat tramite l-Avukat tal-fiducja

taghha l-ittra ghall-medjazzjoni tal-familja wara li ppremettiet li z-zwieg tal-partijiet kien tkisser irriedjabbilment tort tal-konvenut.[55] Omm l-attrici stess xhedet fil-15 ta' Gunju 2013 illi bintha kienet ilha f'relazzjoni ma' Fenech xi erba' snin. F'Awwissu 2010 l-attrici harget tqila minn Stephan Fenech.

Mill-kumpless tal-provi prodotti il-Qorti qed tikkonkludi illi r-relazzjoni adulterja tal-attrici ma' Stephan Fenech bdiet circa sena qabel harget tqila minnu.

Il-Qorti ghalhekk qed tiffissa l-1 ta' Awwissu 2009 bhala d-data li fiha l-attrici qed tigi misjuba hatja li ikkagunat it-tkissir taz-zwieg.

**DEKADENZA**.

**Artikolu 48 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall- finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżl a fir-Reġistru Pubbliku."

Tenut kont li l-attrici qed tinstab unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba inter alia adulterju, u tenut kont li l-Qorti qed

[55] Fol. 7

tistabblixxi l-1 ta' Awwissu 2009 bhala d-data meta l-attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha hija hatja tal-firda personali tal-partijiet, qed tikkommina kontra l-attrici l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**KURA u KUSTODJA tal-MINURI.**

Sa minn meta l-attrici telqet mid-dar matrimonjali fis-sena 2008 it-tlett itfal minuri tal-partijiet jirrisjedu mal-missier in konformita' ma' rakkomandazzjoni maghmula minn haddiema socjali nominata mill-Qorti bhala esperta gudizzjarja.

Sallum is-sitwazzjoni ghadha l-istess. L-attrici tallega li t-tlett itfal gew aljenati minnha minn missierhom. Il-Perit Legali qed jirrakkomanda illi l-kura u kustodja tat-tlett minuri tigi affidata f'idejn il-missier u mieghu jirrisjedu. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici tissottometti illi ma ghamlet xejn sabiex ma tikkondividiex il-kura u kustodja tat-tfal ma' missierhom. Subordinatament tissottometti illi fl-eventwalita' li l-Qorti tiddeciedi illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun f'idejn il-missier; "ghandu jkollha dritt li tkun involuta fid-decizzjoni (recte: decizzjonijiet) straordinarji rigwardanti sahha, edukazzjoni u religjon tal-minuri".[56] Subordinatament tissottometti illi jekk tigi eskluza anke mid-decizzjonijiet straordinarji, ghandu jigi impost fuq il-konvenut l-obbligu illi jgharraf lill-attrici "b'dawk id-decizzjonijiet straordinarji li jikkoncernaw lit-tlett (3) uliedha minuri, u dan sabiex hija tkun infurmata b'dak kollu li qed jigri fil-hajja uliedha".

Tenut kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn il-komunikazzjoni ta' bejn il-partijiet ilha tronkata s-snin, ma hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun kongunta. Kura u kustodja kongunta tirrikjedi minimu ta' komunikazzjoni civili fejn il-genituri jiddiskkutu u jiddeciedu flimkien fl-interess tal-minuri. Il-partijiet ilhom is-snin ma jitkellmu. Fil-kaz partikolari, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi kura u kustodaj kongunta tkun is-sort ta' inkwiet mhux zghir.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament f'idejn il-missier u mieghu jirrisjedu.

[56] Fol. 1089

Timponi fuq il-konvenut l-obbligu illi jgharraf lill-attrici bil-miktub dwar dawk id-decizzjonijiet straordinarji illi jolqtu l-edukazzjoni u s-sahha tat-tlett minuri.

Il-Qorti tordna illi l-awtoritajiet tal-iskejjel fejn jattendu l-minuri ghandhom jibghatu l-korrispondenza u r-rapporti rigwardanti t-tlett minuri liz-zewg genituri separatament.

**ACCESS.**

Jirrizulta illi ma hemmx kuntatt regolari bejn l-omm u t-tlett uliedha. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha toggezzjona li jigi stabbilit programm ta' access u minflok tipproponi access ezercitat b'mod liberu. Hija topponi li jinhatar espert fil-kamp tal-psikologija jew fil-kamp socjali sabiex jassisti r-relazzjoni bejn l-omm u t-tlett ulied. Issemmi illi fil-passat kien hemm espert psikologiku li hadem sabiex 'terga tinbena komunikazzjoni bejn l-attrici u ulied il-kontendenti, izda dan ma halliex frott." Issostni illi jekk il-Qorti tifffissa granet u hinjiet ta' access ser ikun hemmanimosita' bejn l-omm u uliedha.

Ezaminati l-provi f'dan ir-rigward hija l-fehma tal-Qorti illi, fic-cirkostanzi prezenti tal-partijiet, ikun inutli, jekk mhux addirittura ta' hsara, jekk il-Qorti tiffissa granet u hinijiet meta l-omm ikollha kuntatt ma' uliedha. Il-fatt li l-omm ilha s-snin ma jkollha kuntatt regolari ma' uliedha jirrikjedi illi jekk jasal iz-zmien li tali kuntatt jigi ristabblit, ikun jehtieg esperti fil-kamp tal-psikologija u l-kamp socjali li jassistu bidu mill-gdid ta' tali kuntatti. L-omm qed topponi li tali ezercizzju jsir u titlob li l-Qorti tordna li l-omm ghandha tezercita access liberu.

Fil-fehma tal-Qorti, access liberu huwa rakkomandat meta jkun hemm komunikattiva sana bejn 'non custodial parent' u wild minuri li f'dan il-kaz ma hemmx. Ma taqbilx mal-omm illi ghaliex jista' jkun falla tentativ fil-passat allura tentativ futur ghandu wkoll tabilfors ifalli.

Mill-banda l-ohra l-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx fl-interess tal-minuri li fic-cirkostanzi prezenti thalli l-access liberu mhux strutturat ghaliex ikun hemm ir-riskju reali illi jkun sors ta' inkwiet futur.

Ghalhekk fic-cirkostanzi qed tiddeciedi illi filwaqt li qed jibqa' rizervat id-dritt ta' l-omm illi fil-futur titlob li tezercita access versu l-minuri, dan ikun jista' jsir wara jigi nominat espert fil-kamp tal-psikologija fuq talba tal-

omm, u dejjem jekk ikun fl-interess tal-minuri skond ic-cirkostanzi ta' dak iz-zmien.

**MANTENIMENT.**

B'digriet tat-2 ta' Frar 2010, Fol 80, din il-Qorti ordnat lill-attrici li thallas lill-konvenut manteniment ghat-tlett ulied minuri fl-ammont ta' Euro 117 fix-xahar ghal kull wild minuri, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u dawk medici. Fil-prattika inqalghu diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet dwar l-ammonti pretizi mill-konvenut kontra l-attrici bhala sehemha mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tat-tfal.

Il-Perit Legali rrakkomanda li b'zieda ma' dak gia' degretat dwar il-manteniment, dan ghandu jigi awmentat b'Euro 50 kull xahar ghal kull wild u primarjament sabiex jigu evitati litigji futuri dwar sehem l-omm mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

Fil-principju l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali illi l-omm ghandha tigi kkundannata thallas ammont globali ta' manteniment li jkun jinkludi wkoll sehemha mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Il-Qorti qed tiddeciedi illi l-attrici ghandha thallas lill-attur s-somma ta' mija u hamsin ewro (Euro 150) bhala manteniment ghal kull wild, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas fl-eventwalita' li l-ulied jibqghu jistudjaw full time sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena.

Fir-rigward ta' spejjez tal-passat il-Qorti tikkondividi l-perplessita' espressa mill-abbli Perit Legali illi wara tant zmien u fi process li wassal ghal sitt volumi, il-provi huma relattivament skarsi. Tirreferi ghal gurisprudenza citata mill-Perit Legali fuq dini il-materja:-

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu 2003, fl-ismijiet <u>Enrico Camilleri v. Martin Borg</u> filfatt ingħad li *"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo". Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista'*

*jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet."*

Jingħad ukoll b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet Nancy Caruana v. Odette Camilleri (13 ta' Frar 2001, u 27 ta' Frar 2004) illi: *"Il-piz tal-prova ta' dak li hemm allegat fic-citazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qeghdin jaghmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bazi ghall-principju legali 'ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat'. Il-Qrati taghna pero`, fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f'kawza kriminali l-htija ta' l-akkuzat trid tigi ppruvata 'beyond reasonable doubt', f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm 'moral certainty', certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm 'a mere possibility'. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawza civili, hija l-effett tal-'balance of probabilities'."*

Sabiex il-Qorti tapplika l-principju tal-preponderanza tal-probabilitajiet jehtieg li almenu jkun hemm provi sodisfacenti dwar spejjez ta' edukazzjoni u sahha ghal numru ta' snin sabiex il-Qorti tkun tista' taghmel gudizzju fuq dak li huwa probabli fir-rigward ta' snin ohra li dwarhom ma jkunux tresqu provi. Peress li ma tresqux provi sodisfacenti fir-rigward il-Qorti mhiex f'posizzjoni li taghti gudizzju fuq il-quantum ta' spejjez ta' edukazzjoni u sahha fis-snin passati u ghalhekk it-talba fir-rigward qed tigi respinta fuq nuqqas ta' provi.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI – Assi Komuni u Assi jew Krediti Parafernali.**

Il-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet ghandha kemm attiv kif ukoll passiv. L-attiv principali jikkonsisti fid-dar matrimonjali 'Santa Rita', Triq Pawlu Aquilina, gja' Triq Blat il-Qamar, Siggiewi.

Il-Perit Legali ppropona li d-dar matrimonjali 'ghandha tinbiegh wara d-dekors ta' sentejn mis-sentenza u li jekk ma tinbieghx fuq is-suq liberu wara li jkunu ghaddew dawk is-sentejn tinbiegh b'licitazzjoni wara talba ta' wahda mill-partijiet. Jipproponi wkoll illi mir-rikavat ghandu jithallas il-konvenut nofs tal-hlasijiet li ghamel bhala pagamenti tal-house loan.

Stabbilit id-dekadenza tal-attrici ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16, isegwi illi l-pagamenti li l-konvenut effettwa ghall-*house loans* mill-1 ta' Awwissu 2009 'il quddiem kien qed jeffettwhom minn fondi tieghu u mhux minn fondi tal-komunjoni.

Isegwi ghalhekk illi l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni fis-somma rapprezentata mit-total ta' pagamenti li l-konvenut ghamel u ghadu jeffettwa mill-1 ta' Awissu 2009 'il quddiem fit-tlett *home loan accounts* mal-Bank of Valletta plc u cioe' numri 44001243858-1; 4001243862-0 u 4001243866-2, Fil-process jinstabu tlett statements dwar dawn it-tlett accounts fol.984, fol. 993 u fol. 1002. Skond dawn l-istataments jirrizulta illi fit-30 ta' Mejju 2003 il-partijiet kienu isselfu mill-bank in konnessjoni mal-akkwist tad-dar matrimonjali s-somma komplessiva ta' hamsa u tletin elf liri Maltin (Lm35,000) ekwivalenti ghal wiehed u tmenin elf, hames mija u hmistax-il ewro (Eir 81,515). Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-pagamenti mensili dejjem hallashom il-konvenut wahdu ammontanti komplessivament ghal tlett mija u tlieta u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (Euro 333.99) fix-xahar. Dan ifisser illi mill-1 ta' Awwissu 2009 sallum, it-30 ta' Marzu 2017, il-konvenut hallas wahdu minn fondi parafernali tieghu s-somma komplessiva ta' circa tletin elf, sebgha mija u sebgha u ghoxrin elf ewro u tmien centezmi (Euro 30,727.08). Il-konvenut baqa' wkoll ihallas il-premiums tal-life insurance policies taz-zewg partijiet in konnessjoni mal-home loans.

Fir-rapport peritali tieghu il-Perit C Cassar ivvaluta l-valur attwali tad-dar matrimonjali fis-somma ta' mija u hamsa u sittin elf ewro (Euro 165,000). Hadd mill-partijiet ma kkontesta din il-valutazzjoni.

Id-dejn favur il-bank in konnessjoni mal-home loans kien ta' circa sebghin elf ewro (Euro 70,000) fis-sena 2011. Din l-informazzjoni ma gietx aggornata fl-atti.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali l-attrici pprezentat nota fit-2 ta' Novembru 2016[57] li permezz taghha ddikjarat li kienet lesta il tirrinunzja ghas-sehem taghha mid-dar matrimonjali a favur il-konvenut purche' tali rinunzja tkun ghas-saldu ta' kwalunkwe obbligu li hija ghandha fir-rigward tal-manteniment tat-tlett ulied.

Li tali proposta ma gietx accettata jirrizulta mis-sottomissjonjiet tal-Avukat tal-konvenut fejn gie sottomess illi inter alia illi d-dar m'ghandiex tinbiegh

[57] Fol. 1119

qabel jghaddu sentejn minn meta l-izghar fost ulied il-partijiet isir maggorenni u li mal-bejgh ir-rakavat m'ghandux jinqasam ugwalment bejn il-partijiet sabiex jirrifletti il-htija tal-attrici ghat-tkissir taz-zwieg.

Fi kliem iehor il-konvenut rikonvenzjonanti qed jitlob illi apparti s-sanzjonijiet komminati kontra l-attrici rikonvenzjonata ai termini tal-artikolu 48, l-attrici ghandha wkoll tigi sanzjonata ulterjorment billi titlef sehemha jew parti minn sehemha mid-dar matrimonjali.

Is-sottomissjoni tal-konvenut, filwaqt li tista' tidher plawsibbli mill-ottika ta' ekwita' filosofika, jehtieg li tkun sorretta minn provvediment legali sabiex tista' tigi abbraccjata u enforzata minn Qorti. Fil-fehma tal-Qorti is-sanzjonijiet li jistghu jigu mposti fuq min jinstab responabbli ghat-tkissir taz-zwieg huma dawk elenkati fl-artikolu 48 tal-Kap 16. Dak li qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonant ma jirrizultax f'xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu citat. Ghandha applikazzjoni hawnhekk il-massima legali "***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit***".

Fl-istess hin il-Qorti hi tal-fehma illi l-minuri jehtigielhom li jigu kollha kemm huma protetti milli jigu traslokati minn fejn joqghodu fl-immedjat. Il-missier qed jitlob li jibqghu jghixu fid-dar qabel tinbiegh mhux qabel ma jghaddu sentejn minn meta iz-zghir fost l-ahwa jaghlaq tmintax-il sena. Tenut kont li l-izghar fost l-ahwa, Andre', li twieled fis-16 ta' Jannar 2005 jaghlaq tmintax-il sena fis-16 ta' Jannar 2023 ifisser li l-konvenut qed jitlob li d-dar matrimonjali ma tinbieghx qabel is-sena 2025.

F'cirkostanzi simili l-Qorti hi fl-obbligu li ssib bilanc bejn id-diversi drittijiet tal-partijiet u l-minuri. Hija l-fehma tal-Qorti illi tenut kont li Andre' llum ghandu tnax-il sena, id-dar tkun tista' tinbiegh wara l-iskadenza ta' hames snin millum, sakemm il-partijiet ma jkunux fil-frattemp lahqu ftehim mod iehor. Mal-bejgh tal-immobbli, ghandu l-ewwel jithallas ghas-saldu l-bilanc dovut lill-Bank of Valletta plc in konnessjoni mal-home loans, ghandu wkoll jithallas mir-rikavat lill-konvenut l-ammonti kollha imhallsa mill-1 ta' Awwissu 2009 sa dakinhar mill-konvenut lill-bank in konnessjoni ma' dawn it-tlett home loans accounts kif ukoll l-ammonti kollha rapprezentanti l-premiums fuq il-life insurances tal-partijiet imhallsa mill-konvenut mill-1 ta' Awissu 2009 sal-jum tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

Fir-rigward tal-mobbli tal-komunjoni li jista' jkun ghad hemm fid-dar matrimonjali dawn ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

Fir-rigward ta' fondi f'kontijiet bankarji l-Qorti tikkondividi l-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u taghmilhom taghha u cioe':-

a. l-attriċi għandha tiġi assenjata -

- il-kont *savings* bin-numru 784228894, sussegwentement mibdul għan-numru 078-052883-050, miżmum mal-HSBC Bank (Malta) plc

b. il-konvenut għandu jiġi assenjat -

- il-kont kurrenti bin-numru 2000069971-1, miżmum mal-APS Bank Ltd.
- il-kont *savings* bin-numru 117-9754801-3, miżmum mal-Bank of Valletta plc
- il-kont *savings* bin-numru 40012977547, miżmum mal-Bank of Valletta plc (wara)
- il-kont ta' self *credit card loans* bin-numru 4001960653-6, miżmum mal-Bank of Valletta plc
- kull kont Visa, miżmum f'ismu mal-Bank of Valletta plc
- il-kont kurrenti bin-numru 441004907, sussegwentement mibdul għan-numru 044-044808-001, miżmum mal-HSBC Bank (Malta) plc
- il-kont *savings* bin-numru 444131810, sussegwentement mibdul għan-numru 044-044808-050, miżmum mal-HSBC Bank (Malta) plc
- kull kont Visa, miżmum f'ismu mal-HSBC Bank (Malta) plc

ċ il-kontendenti għandhom jiddivdu l-flejjes miżmuma ġewwa –

- il-kont kurrenti bin-numru 40011066336, miżmum mal-Bank of Valletta plc

**SPEJJEZ GUDIZZJARJI.**

Tenut kont li l-attrici rikonvenzjonata instabet unikament hatja ghat-tkissir taz-zwieg il-Qorti qed tiddeciedi illi ai termini tal-artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-ispejjez gudizzjarji ghandhom ikunu sopportati minnha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi; prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet konformement ma' dawk hawn deciz;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici senjatament l-adulterju taghha u l-ingurja gravi fil-konfront tal-konvenut zewgha; tiddikjara l-jum tal-1 ta' Awissu 2009 bhala l-jum li fih l-attrici rikonvenzjata qed tigi kkonsidrata hatja tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

2. Tichad it-tieni talba attrici u tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Jade, Miguel u Andre' esklussivament f'idejn il-konvenut rikonvenzjonant b'dan illi qed jigi rizervat id-dritt lill-attrici illi, f'kaz ta' bdil ta' cirkostanzi bejn l-omm u l-minuri jew uhud minnhom, titlob li tigi akkordata access favur il-minuri.

3. Tichad it-tielet talba attrici u tilqa' in parti it-tielet talba fil-kontrotalba tal-konvenut u tordna li l-attrici thallas lill-konvenut manteniment ghat-tlett ulied minuri fl-ammont ta' mija u hamsin ewro (Euro 150) fix-xahar ghal kull wild li jghola kull sena skond l-gholi tal-hajja, liema manteniment jinkludi sehem l-attrici rikonvenzjonata mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri. Il-manteniment ghall-minuri pagabbli mill-attrici lill-konvenut sallum jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite.

4. Tichad ir-raba talba attrici.

5. Tichad ir-raba talba rikonvenzjonali in kwantu ma tresqux provi fir-rigward.

6. Tilqa' l-hames talba attrici; tilqa' parzjalment is-sitt talba attrici; tilqa' l-hames talba rikonvenzjonali; u tilqa' s-seba' talba rikonvenzjonali tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, u tordna l-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni u tal-assi parafernali bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura: **KOMUNJONI TAL-AKKWISTI – Assi Komuni u Assi jew Krediti Parafernali.**

7. Tilqa' s-sitt talba rikonvenzjonali u tikkommina kontra l-attrici rikonvenzjonata il-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant li jabita fid-dar matrimonjali ghal zmien hames snin millum flimkien ma' uliedu ad eskluzzjoni tal-attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza u tal-kontro-talba a karigu tal-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**